MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 55/2014/1 LM

**Frances mart Raymond Galea, Rose mart Anthony Vella u Salvino aħwa Rapa; u l-Avukat Dottor Carmelo Galea u l-PL Davina Sullivan**
*(l-appellanti)*

***vs.***

**Reġistratur tal-Qrati, b'notifika lil Michelina Apap u Carmelo Apap**
*(l-appellat)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti, hawnhekk "l-appellanti", **Frances Galea** (K.I. 30960G), **Rose Vella** (K.I. 273459M), **Salvino Rapa** (K.I.

43163G), **l-Avukat Dottor Carmelo Galea** (K.I. 34356G) u **l-PL Davina Sullivan** (K.I. 176470M) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa ’l quddiem “l-ewwel Qorti”) fit-13 ta’ Marzu, 2019 (minn issa ’l quddiem “is-sentenza appellata”), li permezz tagħha l-ewwel Qorti ddeċidiet illi:

*“... tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.”*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-kwistjoni odjerna hija biss parti minn sensiela ta’ proċeduri legali li l-partijiet ilhom involuti fihom għal aktar minn tlieta u għoxrin sena, u li nbdiet wara li b’sentenza tad-29 ta’ Novembru, 2013 fl-ismijiet **Maria xebba Debono et *vs.* Michelina Apap et**, il-Qorti tal-Appell iddikjarat li kienet qiegħda tiċħad l-appell tal-intimati u konsegwentement ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti (il-Qorti tal-Maġistrati (Superjuri - Għawdex) li kienet ingħatat fis-16 ta’ Marzu, 2010. Il-kawża li minnha sar l-appell kienet kawża għar-rexxissjoni u tħassir ta’ kuntratt ta’ donazzjoni fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-17 ta’ Frar, 1994, u l-valur tal-proprjetà dikjarat fuq dak il-kuntratt kien ta’ għaxart elef Lira Maltin (jew tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73). Ir-rikorrenti, appellanti f’dawn il-proċeduri, qegħdin jilmentaw li t-taxxa tal-ispejjeż u d-drittijiet kalkolati wara li ġew fi tmiemhom il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell kellhom jinħadmu fuq il-valur dikjarat fil-kuntratt li ġie impunjat.

## Mertu

3. Permezz ta’ deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta’ Novembru, 2013, fl-ismijiet **Maria xebba Debono et *vs.* Michelina Apap et**, il-Qorti tal-Appell kienet ċaħdet l-appell intavolat mill-konvenuti u kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Superjuri - Għawdex) tas-16 ta’ Marzu, 2010, li kienet laqgħet it-talbiet attriċi. Il-mertu tal-kawża kien ir-rexxissjoni u tħassir ta’ kuntratt ta’ donazzjoni fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-17 ta’ Frar 1994, abbażi tal-artikolu 1785 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili. Il-valur tal-proprjetà dikjarat fuq dak il-kuntratt kien ta’ għaxart elef Lira Maltin (LM10,000) jew ossia tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73). Ir-rikorrenti ppremettew li meta ngħatat l-ewwel sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Superjuri - Għawdex) fl-14 ta’ Diċembru, 2005, id-dritt tal-avukat kien tela’ għal tliet mija u ħamsa u ħamsin Lira Maltin (LM355), ekwivalenti għal tmien mija u sitta u għoxrin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€826.93), waqt li d-dritt tar-Reġistru tela’ għal mitejn u sebgħa u sittin Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (LM267.50). Ir-rikorrenti spjegaw li meta ħarġet it-taxxa uffiċjali tal-ispejjeż u d-drittijiet tal-appell, id-dritt tal-avukat ġie kkalkolat fl-ammont ta’ tliet mija u ħamsin Euro (€350), id-dritt tal-prokuratur legali ġie kkalkolat fl-ammont ta’ mija u sittax-il Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116.67), filwaqt li d-dritt tar-Reġistru ġie kkalkolat fl-ammont ta’ tliet mija u ħamsin Euro (€350). Ir-rikorrenti jsostnu li din il-komputazzjoni mhijiex korretta, minħabba li l-kawża prinċipali kienet dwar kuntratt li kellu l-valur dikjarat. In sostenn tal-argument tagħhom, ir-rikorrenti

qalu li anki l-kawtela mogħtija qabel instema' l-appell, ukoll inħadmet *ad valorem,* u spjegaw li bir-rikors tagħhom huma jridu jattakkaw it-taxxa *ai termini* tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u talbu lill-Qorti tordna lir-Reġistratur jistabbilixxi d-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali skont il-paragrafu 27 tat-Tariffa E Skeda A tal-Kap. 12.

4. In-notifikati **Michelina u Carmelo Apap**, minn issa 'l quddiem "in-notifikati", wieġbu li t-talba tar-rikorrenti ma tinkwadrax ruħha taħt il-paragrafu 27 tat-Tariffa E Skeda A tal-Kap. 12 minħabba li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Novembru, 2013 ma kinitx sentenza ta' ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju. Intqal li mis-sentenza oriġinali tal-2005 kienu saru żewġ appelli, wieħed li ġie deċiż fit-3 ta' Ottubru, 2008 u li annulla s-sentenza tal-14 ta' Diċembru, 2005, sabiex b'hekk l-atti ġew rinvijati mill-ġdid quddiem l-ewwel Qorti, u l-appell l-ieħor li ġie deċiż fid-29 ta' Novembru, 2013. In-notifikati spjegaw li fl-ewwel appell it-taxxa nħadmet *ad valorem* u li b'dak li qiegħed jiġi propost mir-rikorrenti, it-taxxa ser tkun qiegħda tinħadem *ad valorem* għat-tieni darba fuq l-istess ħaġa. In-notifikati eċċepew li jekk isir dan, tkun qiegħda tiġi imposta taxxa inġusta fuq il-partijiet, u żiedu jgħidu li f'każ li jiġi deċiż li hemm lok għall-modifika fit-taxxa, din trid tiġi modifikata fit-totalità tagħha, inkluż it-taxxa li segwiet id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Ottubru, 2008, minħabba li jirriżulta li dakinhar il-mertu ma ġiex deċiż definittivament.

5. L-intimat, hawnhekk "l-appellat", **Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali** eċċepixxa li hemm nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati sabiex tisma' u tittratta l-ilment tar-rikorrenti, u dan minħabba li r-ritassa qiegħda tintalab b'rabta ma' kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri. Intqal ukoll li sa fejn l-azzjoni ġiet intavolata kontra r-Reġistratur tal-Qrati, din hija monka minħabba li din l-entità mhix ikkontemplata fil-liġi. Dwar il-mertu, il-konvenut Direttur, Qrati Ċivili u Tribunal ħa l-pożizzjoni li t-taxxa inkwistjoni hija ġusta u nħadmet skont il-liġi, minħabba li t-taxxa li qiegħda tiġi attakkata b'dawn il-proċeduri hija t-taxxa li nħadmet wara t-tieni deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, u dik it-taxxa nħadmet fuq punt ta' liġi. Ġie spjegat li kawża quddiem Qorti ma tiġix intaxxata darbtejn *ad valorem,* u kien għalhekk li r-Reġistratur tal-Qorti tal-Appell it-tieni appell intaxxah fuq punt ta' liġi.

6. Permezz ta' rikors ieħor ippreżentat mir-rikorrenti fis-17 ta' Marzu, 2014, ir-rikorrenti kkjarifikaw li l-paragrafu applikabbli għat-talbiet tagħhom huwa l-paragrafu 13 tat-Tariffa E Skeda A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Jirriżulta li mid-deċiżjoni oriġinarjament mogħtija fl-14 ta' Diċembru, 2005, kien sar appell. Il-Qorti tal-Appell dakinhar kienet laqgħet l-aggravju li l-ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati, u b'hekk l-atti ġew rimessi lura lill-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti ddeċidiet il-vertenza li kellha quddiemha billi laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti. Minn din id-deċiżjoni, reġa' sar appell, liema appell ġie miċħud.

## Is-Sentenza Appellata

8. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti, wara li kkonsidrat li t-taxxa *ad valorem* kienet diġà nħadmet fuq l-ewwel appell, u li fir-rigward tat-tieni appell kien korrett ir-Reġistratur meta ħadem it-taxxa fuq punt ta' liġi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) osservat ukoll li l-ewwel taxxa ma kinitx ġiet impunjata mir-rikorrenti, spjegat li d-drittijiet tal-kawża ma jistgħux jinħadmu *ad valorem* darbtejn, u tat id-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi, in suċċint, f'din il-kawża r-rikorrenti qegħdin jattakkaw Taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti għaliex skont huma tali taxxa kellha tinħadem* ad valorem*. Jitolbu lill-Qorti tordna lir-Reġistratur jintaxxa d-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali kif preskritt fil-paragrafu 13 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12.*
>
> *L-intimata Michelina Apap teċċepixxi illi:*
>
> 1. *Illi t-talba tar-rikorrenti ma tinkwadrax ruħha taħt il-paragrafu 27 tat-Tariffa E.*
> 2. *Illi saru żewġ appelli, 3 ta' Ottubru 2008 u 29 ta' Novembru 2013. Fl-ewwel appell, it-taxxa kienet inħadmet* ad valorem*. Illi r-rikorrenti qed jipproponu li t-taxxa tinħadem* ad valorem *darbtejn, u li jekk ser tiġi modifikata t-taxxa, għandha tiġi modifikata t-taxxa tal-ewwel appell tat-3 ta' Ottubru 2008.*
> 3. *Illi hija ma għandhiex tbati l-ispejjeż għaliex it-talba tar-rikorrenti mhix rivolta lejha.*
>
> *L-intimat Reġistratur tal-Qrati jeċċepixxi illi:*
>
> 1. *In-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti stante li hawn si tratta minn ritassa ta' taxxa maħruġa in konnessjoni ma' kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri.*

2. *Illi l-azzjoni ġiet intavolata fil-konfront ta' entità, ossia r-Reġistratur tal-Qrati li mhux kontemplat fil-liġi, u għalhekk id-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*
3. *Illi din il-kawża għandha tkun diretta kontra kull min għandu interess skont il-liġi.*
4. *Illi t-taxxa hija ġusta u maħduma skont il-liġi. It-taxxa maħruġa wara l-appell tat-3 ta' Ottubru 2008 saret* ad valorem. *It-taxxa wara t-tieni deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell saret fuq punt ta' liġi.*
5. *Illi anke li kieku hemm lok għal ritassa, l-intimat ma għandux ibati l-ispejjeż tal-kawża.*

## *Il-fatti fil-qosor*

1. *Illi b'sentenza tad-29 ta' Novembru 2013, fl-atti tal-kawża fl-ismijiet Maria xebba Debono et vs Michelina Debono et, Ċit. Nru. 216/1996 AE, il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti illi kienet laqgħet it-talbiet attriċi.*
2. *Illi l-mertu ta' dik il-kawża kien it-tħassir ta' kuntratt ta' donazzjoni ta' dar f'Għajnsielem, Għawdex, bil-valur tal-istess iddikjarat għaxart elef Lira Maltin (€23,293.73);*
3. *Illi r-rikorrenti jgħidu li t-taxxa kellha tinħadem fuq il-valur iddikjarat f'dak il-kuntratt;*
4. *Illi meta ngħatat l-ewwel darba s-sentenza, id-dritt tal-avukat kien ġie LM355, u d-dritt tar-reġistru ġie LM267.50;*
5. *Illi l-intimat ħareġ it-taxxa uffiċjali tal-ispejjeż u d-drittijiet fl-appell. Huwa kkalkola d-dritt tal-avukat fl-ammont ta' €350, dak tal-Prokuratur Legali fl-ammont ta' €116.67 u d-dritt tar-Reġistru fl-ammont ta' €350;*
6. *Illi r-rikorrenti jattakkaw it-taxxa ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap. 12 għaliex jgħidu li l-kawża kienet tittratta rexxissjoni ta' kuntratt li kellu l-valur tiegħu iddikjarat u jirriżulta manifestement mill-atti tal-kawża;*
7. *Illi huma entro ż-żmien preskrittiv sabiex iressqu din il-kawża;*
8. *Illi jitolbu lill-Qorti tordna r-Reġistratur jintaxxa d-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali kif preskritt fil-paragrafu 27 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12.*

***Il-Provi***

***Emanuel Sciriha** xehed illi bil-preżenti r-rikorrenti jattakkaw l-aħħar taxxa li ħarġet li nħadmet fuq punt ta' liġi, u spjega li din it-taxxa ma nħarġitx* ad valorem *għaliex it-taxxa fuq l-ewwel appell kienet inħadmet* ad valorem*.*

***Sottomissjonijiet tal-partijiet:***

***Ir-rikorrenti** jissottomettu illi t-taxxa kellha tinħadem* ad valorem *skont l-Artikolu 13 tal-Kap. 12. Aktar tard issottometta illi din il-Qorti hija kompetenti* rationae valoris *biex tisma' l-kawża.*

***Ir-Reġistratur tal-Qrati** jissottometti illi din il-Qorti fil-kompetenza tagħha inferjuri mhix kompetenti tisma' ritassa ta' Qorti Superjuri. Fil-mertu, l-ewwel appell ġie intaxxat* ad valorem*. Fit-tieni appell, peress li ma jistax ikollok doppja taxxa* ad valorem*, huwa intaxxa fuq punt ta' liġi. Aktar tard issottometta illi t-taxxa hija waħda, u ma jistgħux jattakkaw biss parti waħda minnha.*

*L-intimati l-konjugi Apap jissottomettu illi la ma ġietx attakkata l-ewwel taxxa li nħadmet* ad valorem*, ma jistax jitlob li t-tieni taxxa terġa' tinħadem* ad valorem*.*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

*Ir-rikorrenti qed jibbażaw it-talba tagħhom fuq l-artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid:*

*"(1). L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar.*

*Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-Qorti.*

*Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun inħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika."*

*Dan l-artikolu jitkellem dwar l-ispejjeż ġudizzjarji li jiġu intaxxati u likwidati mir-Reġistratur, applikabbli għall-avukat u prokuratur legali, kif ukoll għad-dritt tar-Reġistru u spejjeż oħra.*

*Il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Speranza Gatt et vs Dr Albert Libreri et**, (Rikors Numru 512/09 JRM) deċiża fit-18 ta' Frar, 2010 fejn intqal: "… Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawn il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrattiv li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni mil-leġislatur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss."*

*Il-Prim Awla b'sentenza tas-26 ta' Ottubru, 2010 Ċitazzjoni Numru 450/2008 **Joseph Bonello vs Ir-Reġistratur tal-Qorti**, irriteniet:- Illi huwa f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta.*

*Stabbiliti dawn il-prinċipji ġenerali dwar din l-azzjoni, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tittratta **l-ewwel eċċezzjoni ġenerali** tal-intimat Direttur tal-Qrati dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti. L-intimat Direttur tal-Qrati Ċivili jeċċepixxi illi din il-Qorti mhux kompetenti sabiex tiddeċiedi din il-kawża stante li hawn si tratta ta' ritassa ta' taxxa maħruġa in konnessjoni ma' kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri.*

*Fir-rigward, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tal-21 ta' Frar 2007, Appell Ċivili Numru 1981/2005/1 **Valcall Limited vs Dr Tonio Azzopardi et**, fejn ġie ritenut hekk:*

*Dan affermat, jibda biex jiġi rilevat li in linea ġenerali għall-fini ta' kompetenza, illi l-impunjattiva ta' taxxa tal-ispejjeż proċesswali u allura wkoll l-oppożizzjoni għall-esekuzzjoni promossa in virtùu ta' din it-taxxa, jikkostitwixxi rapport distint minn dak li permezz tiegħu ġiet determinata s-sokkombenza tal-parti onerata għall-ħlas. Kif aħjar eluċidat fis-sentenza fl-ismijiet '**Raffaele Debono vs Ruggiero Muscat nomine**', Appell Ċivili, 2 ta' Marzu 1904 (Kollez. Vol. XIX P. I, p. 10),* "la tassazione o liquidazione delle spese giudiziarie è atto del Registratore e non mai della Corte che avesse deciso la cause cui riguardano – alle Corti appartiene soltanto la cognizione delle controversie relative alle tasse fatte dal Registratore, quando da chi vi ha

interesse ne viene impugnata, nella forma specificamente stabilita dalla legge … la attendibilità o la correttezza.’ *Li jfisser allura illi l-att ta’ impunjattiva mhux bilfors isir quddiem dik l-istess Qorti li tkun emaniet il-kundanna jew fejn l-atti ġew ċeduti. Anzi, dik l-impunjattiva hi sottoposta għar-regola komuni tal-kompetenza għar-raġuni ta’ materja jew ta’ valur, indipendentement miċ-ċirkostanzi tal-kundanna.*

*A bażi ta’ dan l-insenjament ġuridiku, din il-Qorti tiċħad din l-eċċezzjoni preliminari tad-Direttur Qrati Ċivili u tqis li hija kompetenti tisma’ din il-kawża.*

*Din il-Qorti tgħaddi issa sabiex tittratta* ***t-tieni eċċezzjoni preliminari*** *tar-Reġistratur tal-Qrati, fejn dan jeċċepixxi illi l-azzjoni odjerna hija monka stante li l-entità tar-Reġistratur tal-Qrati mhux kontemplat fil-liġi, u għalhekk id-Direttur tal-Qrati Ċivili għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Illi jingħad illi huwa korrett id-Direttur Qrati Ċivili meta jirrispondi hekk, però jingħad ukoll illi minkejja din l-iżvista, huwa xorta waħda ġie notifikat bil-proċeduri odjerni, u fil-fatt huwa intavola r-risposta tiegħu, b’mod li jingħad illi huwa ma sofra l-ebda konsegwenza negattiva jew preġudizzju minħabba din l-iżvista. Għalhekk din it-tieni eċċezzjoni preliminari qed ukoll tiġi miċħuda.*

*Illi fir-rigward* ***tat-tielet eċċezzjoni preliminari*** *tal-intimat tar-Reġistratur tal-Qrati illi l-azzjoni kellha tkun diretta kontra kull min kellu interess skont il-liġi, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tad-29 ta’ Frar, 2012, Appell Ċivili Numru 503/2009/1 fl-ismijiet* ***L-Avukat Dottor Mario Scerri et vs Reġistratur tal-Qrati Superjuri (Malta)****, fejn ġie ritenut:- Illi dwar il-mertu tal-appell odjern quddiem din il-Qorti ma hemmx dubju li l-azzjoni ta’ ritassa abbażi tal-artikolu 64 tal-Kap. 12 hija indipendenti mill-azzjoni li tagħha tkun qed tintalab ritassa u dan kif ġie deċiż fis-sentenza ‘****Mid Med Bank plc vs Ellul Holdings Limited****’ (P.A. (AJM) – 12 ta’ Ġunju 2002); ‘****Emmanuel Buttigieg proprio et vs Anthony Cauchi proprio et nomine****’ (A.Ċ. – 29 ta’ Lulju 2004);* ***‘Francis Saliba et vs Reġistratur tal-Qorti Għawdex et****’ (Maġ. S. – Għawdex) (AE – 15 ta’ April 2009); ‘****Violet Camilleri vs Reġistratur tal-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex)****’ – A.Ċ. – 2 ta’ Lulju 2010). Illi l-preżenti hija azzjoni indipendenti mill-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritassa, u huwa l-intimat Reġistratur tal-Qrati li kontra tiegħu din l-azzjoni kellha tkun diretta. B’hekk din it-tielet eċċezzjoni qed tiġi wkoll miċħuda.*

***Fil-mertu*** *jingħad illi r-rikorrenti qed jallegaw li l-intimat Direttur tal-Qrati Ċivili ħadem b’mod erronju l-komputazzjoni tat-taxxa.*

*Jingħad illi kienu saru żewġ appelli. Il-kawża quddiem il-Prim Istanza kienet kawża għat-tħassir ta' kuntratt. Dik il-kawża ġiet deċiża. Minn din id-deċiżjoni ġie ntavolat appell. Il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell illi l-ewwel Qorti ma ħaditx konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-intimati tal-preskrizzjoni, u dik il-Qorti tal-Appell bagħtet l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti. L-Ewwel Qorti sussegwentement iddeċidiet il-każ (fejn laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti). Minn din is-sentenza reġa' kien hemm appell mill-intimati, li ġie miċħud.*

*Ix-xhud Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunal Emanuel Sciriha spjega illi t-taxxa impunjata b'din il-kawża nħadmet bħala punt ta' liġi, peress illi t-taxxa fuq l-ewwel appell kienet preċedentement inħadmet* ad valorem*. Imbagħad jispjega illi t-taxxa ma tistax tinħadem darbtejn* ad valorem*. Din il-Qorti tosserva illi l-intimat Direttur Qrati Ċivili għandu raġun f'dan li jgħid, li t-taxxa* ad valorem *diġà nħarġet fuq l-ewwel appell, u għalhekk għat-tieni appell it-taxxa korrettement inħarġet fuq punti ta' liġi, għaliex it-taxxa ma setgħetx tinħadem* ad valorem *darbtejn, għaliex jista' jkollok dritt* ad valorem *darba, mhux darbtejn. In oltre jingħad illi l-ewwel taxxa – li nħadmet ad valorem – ma ġietx impunjata mir-rikorrenti, iżda huma jimpunjaw biss it-tieni taxxa li nħadmet fuq punt ta' dritt. Li kieku r-rikorrenti jingħata raġun, ikun ifisser illi d-drittijiet tal-kawża se jkunu intaxxati darbtejn ad valorem: għalhekk din il-Qorti tgħid illi t-tieni darba, it-taxxa ġustament inħarġet dwar punt ta' dritt biss, ladarba t-taxxa* ad valorem *kienet saret diġà.*

*Għal kull buon fini jingħad illi l-fatt illi l-kawtela kienet ħarġet* ad valorem *u mhux fuq punt ta' liġi ma għandux wisq rilevanza għall-kawża odjerna, għaliex il-kawtela hija sempliċiment kwistjoni preliminari ta' garanzija tal-ispejjeż, u mhux xi komputazzjoni definittiva jew determinanti ta' kif ser toħroġ it-taxxa finali.*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom."*

## Ir-Rikors tal-Appell

9. Ir-rikorrenti ppreżentaw l-appell tagħhom fil-25 ta' Marzu, 2019, fejn talbu lill-Qorti sabiex:

*"... tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-13 ta' Marzu 2019 billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ċaħdet it-tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-intimat Reġistratur tal-Qrati, tirrevokaha in kwantu ċaħdet it-talba tar-rikorrenti fil-mertu u minflok tilqa' dik l-istess talba; u f'kull każ tirriforma dik il-parti mis-sentenza li tirrigwarda l-kap tal-ispejjeż u tordna temperament f'dawk l-ispejjeż fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-intimat li ġew miċħuda mill-Ewwel Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimat."*

10. L-appellanti jispjegaw l-aggravju tagħhom billi jsostnu li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fejn ċaħdet it-talbiet tagħhom fil-mertu, hija skorretta u għandha tiġi revokata. L-appellanti għamlu riferiment għall-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti li ladarba t-taxxa wara l-ewwel deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell inħadmet *ad valorem* u mhux abbażi ta' punt ta' liġi, huma llum jinsabu preklużi milli jitolbu li tiġi kkorreġuta t-taxxa wara t-tieni deċiżjoni li ngħatat. L-appellanti sostnew li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta kkonsidrat li t-taxxa ma tistax tinħadem *ad valorem* darbtejn, u filwaqt li jikkonfermaw li t-taxxa wara s-sentenza tal-2008 inħadmet *ad valorem,* u li din ma ġiet impunjata minn ħadd mill-partijiet fit-terminu stabbilit mil-liġi għal dan il-għan, madanakollu huma jispjegaw li d-deċiżjoni tat-3 ta' Ottubru, 2008 ngħatat biss u esklussivament fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u mhux fuq il-mertu tal-kawża. Huwa għalhekk, ikomplu jgħidu l-appellanti, li huma jemmnu li t-taxxa wara dik id-deċiżjoni kellha tinħadem fuq punt ta' liġi biss. Spjegaw li kienet id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Novembru, 2013 li ddeċidiet il-kawża fuq il-mertu billi laqgħet it-talbiet tagħhom, u għalhekk il-liġi tirrikjedi li t-taxxa in segwitu għal dik id-deċiżjoni tinħadem *ad valorem.* Qalu li r-Reġistratur tal-Qorti ma nnegax

dan, u minflok ħa l-pożizzjoni li t-taxxa ma tistax tinħadem *ad valorem* darbtejn, għalkemm dan naqas milli jgħid minn liema dispożizzjoni tal-liġi jirriżulta li taxxa ma tistax tinħadem *ad valorem* darbtejn fuq l-istess kawża. L-appellanti spjegaw li taxxa uffiċjali m'għandhiex is-saħħa ta' *res judicata* u m'hemm xejn fil-liġi li jipprekludi persuna li tħoss ruħha aggravata bil-mod li tkun inħarġet taxxa uffiċjali milli taġixxi sabiex dik it-taxxa tkun ikkorreġuta. L-appellanti sostnew li bit-talba tagħhom huma qegħdin jassiguraw li ssir ġustizzja sostantiva fir-relazzjonijiet bejn l-atturi u l-konvenuta, minħabba li filwaqt li n-notifikata ser tispiċċa f'sitwazzjoni fejn ikollha tirrifondi lill-atturi d-dritt *ad valorem* dovut lill-avukat u l-prokuratur legali tagħha b'rabta mas-sentenza finali, l-ammont dovut lill-avukati b'rabta mas-sentenza preliminari skont it-taxxa uffiċjali mhux ser jinfluwixxi fuq ir-relazzjoni bejn l-atturi u n-notifikata. Intqal li filwaqt li d-dritt tar-Reġistru fil-kawża tħallas f'ammont ġust, bl-appellanti jħallsu ammont akbar minn dak li kien realment dovut minnhom, in-notifikata ser tħallas ammont iżgħar minn dak li kien realment dovut minnha, minħabba li ser tħallas biss id-dritt dovut fuq punt ta' liġi skont it-taxxa maħruġa wara s-sentenza finali.

L-appellanti sostnew ukoll li mhux ġust li l-ewwel Qorti addossat l-ispejjeż kollha tal-appell fuqhom, u dan minħabba li fis-sentenza tagħha hija ċaħdet it-tliet eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali.

**Ir-Risposta tal-Appell**

11. Fir-risposta tal-appell tagħhom, in-notifikati qalu li dan l-appell huwa l-aħħar parti minn saga ta' tlieta u għoxrin sena ta' proċeduri legali bejn il-partijiet. Huma spjegaw li l-kawża bin-numru 216/96 kienet infetħet b'talba għal dikjarazzjoni ta' nullità ta' kuntratt ta' donazzjoni li kien sar minn Maria Debono favur Michelina Apap, u din il-kawża kienet ġiet deċiża fil-mertu l-ewwel darba b'sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2005. Din is-sentenza kienet ġiet appellata, u b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Ottubru, 2008, ġie deċiż li d-deċiżjoni tal-14 ta' Diċembru, 2005 għandha tiġi annullata, bl-atti jintbagħtu lura quddiem l-ewwel Qorti. Fis-16 ta' Marzu, 2010 l-ewwel Qorti tat id-deċiżjoni tagħha fuq il-mertu, u din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'deċiżjoni tad-29 ta' Novembru, 2013. L-appellati żiedu jispjegaw li meta ngħatat id-deċiżjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Superjuri - Għawdex) fl-14 ta' Diċembru, 2005, id-dritt tar-Reġistru kien inħadem fuq il-valur, bil-konsegwenza li anki d-dritt tar-Reġistru fuq dan l-appell inħadem fuq il-valur, u l-appellati dak iż-żmien kienu ħallsu l-ammont mitlub minnhom bħala taxxa. Żiedu jgħidu li dak iż-żmien din it-taxxa ma ġiet ikkontestata minn ħadd mill-partijiet fil-kawża. Qalu wkoll li meta l-kawża ġiet deċiża mill-ġdid f'Marzu tas-16 ta' Marzu, 2010, inżamm l-istess dritt tar-Reġistru li kien ġie ntaxxat l-ewwel darba fuq il-valur. Meta r-Reġistratur tal-Qorti tal-Appell ġie biex jintaxxa l-apell deċiż fid-29 ta' Novembru, 2013, huwa kien ġie a konjizzjoni tal-fatt li l-appell kien diġà ġie intaxxat *ad valorem* wara s-sentenza

tat-3 ta' Ottubru, 2008, u għalhekk uża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex jintaxxa d-dritt tar-Reġistru tat-tieni appell fuq punt ta' dritt. Dan fisser ukoll li d-dritt tal-avukat ġie intaxxat bl-istess mod. In-notifikati qalu wkoll li t-taxxa tal-ewwel Qorti qatt ma ġiet ikkontestata mill-partijiet, bħalma baqgħet ma ġietx ikkontestata t-taxxa tal-ewwel sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell. In-notifikati qalu li r-Reġistratur kien korrett meta uża d-diskrezzjoni tiegħu u ddeċieda li d-dritt tar-Reġistru tal-appell għandu jinħadem *ad valorem* darba waħda biss, u żiedu jgħidu li sa fejn it-taxxa maħruġa mir-Reġistratur ma kinitx taffettwahom negattivament, l-appellanti ma kkontestawx dik it-taxxa. In-notifikati qalu wkoll li f'każ li d-dritt tar-Reġistru jiġi intaxxat *ad valorem* darbtejn, tista' tinħoloq sitwazzjoni anomala irrispettivament minn min mill-partijiet ikun ikkundannat iħallas dak id-dritt. Qalu wkoll li kienu huma li ħallsu ammont ta' taxxa akbar meta d-dritt tar-Reġistru tal-appell inħadem fuq il-valur wara s-sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2008 kif ukoll wara d-deċiżjoni tal-appell tad-29 ta' Novembru, 2013. In-notifikati kkonkludew billi qalu li ladarba t-taxxa tar-Reġistru fl-istadji kollha tal-kawża nħadmet b'mod korrett u hija ġusta, ma jkunx ġust li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni użata mir-Reġistratur u tordna li l-aħħar taxxa tal-appell tinħadem *ad valorem* ukoll.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Din il-Qorti sejra tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti fid-dawl tar-risposta għall-appell tagħhom mogħtija min-notifikati, u dan wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li l-appellanti qegħdin jattakkaw.

*L-ewwel aggravju: Id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li t-talbiet tal-appellanti jiġu miċħuda fil-mertu hija skorretta u għandha tiġi revokata*

L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ddeċidiet li ladarba diġà kien hemm komputazzjoni ta' taxxa li nħadmet abbażi tal-valur, ċioé t-taxxa li segwiet id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Superjuri) tal-14 ta' Diċembru 2005, u taxxa oħra li nħadmet *ad valorem* wara d-deċiżjoni li ngħatat mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2008, kif inħadmet *ad valorem* ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Superjuri - Għawdex) tas-16 ta' Marzu, 2010, l-aħħar taxxa tal-appell kellha tinħadem fuq punt ta' dritt u mhux *ad valorem* ukoll. Jirriżulta li meta r-Reġistratur ġie biex jintaxxa l-appell deċiż fid-29 ta' Novembru, 2013, dan uża d-diskrezzjoni tiegħu u intaxxa d-dritt tar-Reġistru tat-tieni appell fuq punt ta' dritt u dan fid-dawl tal-fatt li diġà kien hemm appell li ġie intaxxat *ad valorem.* Huwa paċifiku bejn il-partijiet fil-kawża li l-komputazzjonijiet tat-taxxa in segwitu għad-deċiżjonijiet imsemmija tal-Qorti tal-Maġistrati (Superjuri - Għawdex) u tal-Qorti tal-Appell inħadmu abbażi tal-valur tal-proprjetà li l-kuntratt għat-trasferiment tagħha b'titolu ta' donazzjoni kien qiegħed jiġi attakkat. L-appellanti qegħdin isostnu li l-fatt li diġà kien hemm komputazzjoni li nħadmet b'dan il-mod m'għandux jipprekludi lir-Reġistratur tal-Qorti milli jikkomputa t-taxxa dovuta wara li ġew fi tmiemhom il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru, 2013 bl-istess mod, jiġifieri abbażi tal-valur tal-proprjetà. In-notifikati ħadu l-pożizzjoni li t-taxxa m'għandhiex tiġi kkomputata abbażi tal-valur tal-proprjetà darbtejn, għaliex f'każ li jiġri hekk tinħoloq sitwazzjoni anomala, u qalu li f'dan

il-każ ir-Reġistratur kien ġustifikat juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex jasal għad-deċiżjoni li l-komputazzjoni tat-taxxa għandha tinħadem fuq punt ta' liġi.

Il-Qorti hawnhekk sejra tagħmel riferiment għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Speranza Gatt et *vs.* Dr. Albert Libreri et**[1], fejn ġie spjegat illi:

> "Għal dak li jirrigwardja l-aspetti tad-dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares id-drittijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawn il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-Artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi jikkostitwixxi titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawn it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrattiv li, minbarra li jimxi fuq l-atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak l-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss."

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Bonello et *vs.* Ir-Reġistratur tal-Qorti et**[2], il-Qorti, filwaqt li għamlet riferiment għal diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, qalet illi:

> "Illi għalhekk, il-proċedura maħsuba biex wieħed jattakka taxxa ġudizzjarja għandha titqies bħala waħda speċjali li tirnexxi biss fejn u kemm-il darba jintwera li jkun hemm iċ-ċirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna lir-Reġistratur jerġa' jwettaq sewwa l-funzjoni tiegħu. (**Appell Ċivili, 4.2.1994, Borg noe *vs.* Aġent Reġistratur tal-Qrati et)**. Għall-kuntrarju ta' sentenza jew digriet, it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji mhijiex att tal-Qorti, imma att tar-Reġistratur **(P.A., 23.02.1960, Borg *vs* Salomone)**. Bħala tali, l-azzjoni maħsuba biex tattakka taxxa bħal dik tista' titqies bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn il-Qorti tgħarbel il-kriterji mħaddma mir-Reġistratur u tqishom fid-dawl tal-liġi fis-seħħ bla ma tgħaddi hi biex twettaq dik il-

[1] P.A., 18.02.2010.
[2] P.A., 26.10.2010.

> funzjoni (**Appell Ċivili, 29.05.1998, Aldo Laferla et *vs* Francis Scicluna et**). Huwa għalhekk li f'każ fejn parti jseħħilha turi raġuni tajba biex twaqqa' taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur, il-Qorti tagħti ordni lill-istess Reġistratur biex jagħmel dik it-taxxa mill-ġdid."

Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra jekk hemmx x'jiġi ċċensurat fil-mod kif ir-Reġistratur eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu sabiex ikkomputa t-taxxa abbażi tal-punti ta' dritt li tqajmu fil-kawża. Huwa ben risaput li meta kawża tkun dwar valur determinat jew determinabbli, il-komputazzjoni tat-taxxa tinħadem abbażi tad-dispożizzjonijiet 13 u 14 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ jirriżulta li r-Reġistratur ikkomputa t-taxxa abbażi tal-valur dikjarat tal-proprjetà mertu tal-proċeduri kemm fir-rigward tad-deċiżjoni li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Superjuri - Għawdex), kif ukoll fir-rigward tal-ewwel deċiżjoni li ngħatat mill-Qorti tal-Appell fl-2008, kif ukoll rigward id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Superjuri - Għawdex) tal-2010. Wara li ġew fi tmiemhom il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell f'Novembru tal-2013, ir-Reġistratur ikkomputa t-taxxa dovuta daqslikieku d-deċiżjoni tal-Qorti ngħatat fuq punti ta' dritt u dan minħabba li diġà kien hemm komputazzjoni *ad valorem* u n-notifikati ħallsu d-drittijiet kif ikkomputata. Din il-Qorti ma ssib xejn ċensurabbli f'din id-deċiżjoni tar-Reġistratur, partikolarment f'ċirkostanzi fejn l-appellanti naqsu milli jressqu appell jew milli b'xi mod jattakkaw id-deċiżjoni tar-Reġistratur li jikkomputa t-taxxa *ad valorem* wara l-ewwel proċeduri ġudizzjarji li kien hemm bejn il-partijiet, minkejja li issa qed jgħidu li dakinhar id-deċiżjoni tal-Qorti kienet fuq punt ta' dritt, u għalhekk il-komputazzjoni tat-taxxa mir-Reġistratur

saret b'mod skorrett. Il-Qorti hija tal-fehma li f'dawn iċ-ċirkostanzi, fejn l-istħarriġ li hija qiegħda tintalab tagħmel huwa aktar eżerċizzju akkademiku milli stħarriġ li b'xi mod ser jaffettwa l-jeddijiet tal-appellanti, hija m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tar-Reġistratur li fix-xhieda li ta quddiem l-ewwel Qorti kkonferma li f'każ li l-komputazzjoni tat-taxxa f'dan l-istadju tinħadem abbażi tal-valur tal-proprjetà, tkun qiegħda tinħoloq anomalija u preġudizzju għall-jeddijiet tal-intimati. Quddiem din l-ispjega, din il-Qorti hija tal-fehma li m'għandhiex tiddisturba d-deċiżjoni tar-Reġistratur. Tqis għalhekk li għandha tikkonferma fl-intier tagħha d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti, wara li kkonsidrat li t-taxxa *ad valorem* kienet diġà nħadmet fuq l-ewwel appell, u li fir-rigward tat-tieni appell kien korrett ir-Reġistratur meta ħadem it-taxxa fuq punt ta' dritt. Għal dawn ir-raġunijiet tqis illi dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq u sejra tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *għandha tordna temperament fil-kap tal-ispejjeż fid-dawl li l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-intimat ġew miċħuda mill-ewwel Qorti*

Fit-tieni aggravju mressaq minnhom, l-appellanti sostnew li ladarba l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mir-Reġistratur għandhom jiġu miċħuda, l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkundanna lill-appellanti għall-ħlas tal-ispejjeż fl-intier tagħhom, iżda l-ispejjeż kellhom jiġu apporzjonati. Din il-Qorti kkonsidrat li mill-kopja tat-taxxa maħduma wara li ġew fi tmiemhom il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), jidher

ċar li t-taxxa nħadmet fuq il-bażi tal-punti ta' dritt determinati mill-Qorti u mhux fuq l-eċċezzjonijiet preliminari mogħtija mir-Reġistratur intimat, u għalhekk m'hemmx lok fejn l-apporzjonament tal-ispejjeż jiġi varjat. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhux ġustifikat u għalhekk ser tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-aggravji mressqa mill-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**